MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1553/2004

**Debono Gilbert u Carmen**

**Vs**

**Farrugia Colin**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu 2004 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1351 (elf tlett mija wiehed u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar id-9 ta' Lulju 2004 gewwa l-Imgarr.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' elf tlett mija wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1351) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn

dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura propjeta` tal-atturi, meta fid-9 ta' Lulju 2004 f'Main Street, Mgarr il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAT 489 tal-marka Renault, habat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU 025 tal-marka Fiat propjeta` tal-atturi bil-konsegwenza illi l-atturi garrbu hsarat fil-vettura propjeta` taghhom, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, u tal-ittra legali datata 22 ta' Lulju 2004, bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija tal-attur Gilbert Debono.
2. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.
3. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi. Bir-riserva favur l-eccipjent ta' kull azzjoni ghal danni li garrab konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza lilu spettanti skond il-ligi kontra l-atturi. U bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa sintomatiku f'certi kollizjonijiet illi jinghataw zewg versjonijiet ta' l-istess incident u liema versjoni jistghu jkunu ukoll konfermati minn terza persuna. Dan il-kaz mhux specjalita` minn iehor fis-sens illi t-Tribunal huwa rinfaccjat b'okkorrenza ta' kollizjoni illi zewg partijiet diversi jsostnu l-versjoni taghhom.

F’dan is-sens it-Tribunal ikollu jirrikorri ghal principju bazilari fis-sens ta’ probabilita` u possibilita` ta’ okkorrenza. Huwa veru illi l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega pero` f’dan il-kaz iz-zewg versjonijiet jistghu jkunu possibbli. Pero` t-Tribunal jiskontra nuqqas fiz-zewg xufiera fis-sens li fil-waqt li l-attur kien niezel, kien qed jidlam, il-vizwali ma tantx hi opportuna u anki kien ghaddej b’certu velocita`. Fil-waqt li l-konvenut kien gej minn ma’ shabu mill-Gnejna tiela’ l-fuq u tigi qisa’ fuq gholja u tigi fit-triq f’daqqa. Kien f’dak il-mument li z-zewg vetturi habtu ma’ xulxin u ghalhekk kull parti ghandha tbati nofs ir-responsabbilta` ghall-incident.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi fil-waqt li jiddikjara liz-zewg partijiet responsabbli ghall-istess incident, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm 675.50), bl-interessi mid-data tal-prezentata tas-sentenza u bl-ispejjes maqsuma bejn iz-zewg partijiet fl-istess kwota ta’ hamsin fil-mija (50%) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------